**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 380/2015

Numru fuq il-Lista: 18

**GO p.l.c – C22334**
**Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Donna Scerri (ID 52788M)**
**107, Triq San Guzepp,**
**Valletta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fil-25 ta' Mejju, 2015 permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet l-hlas ta' seba` mija u tnejn u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€722.71c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40161159 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok

IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3- estratt mir-Registru Elettorali; illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenuta ma kkontestatx l-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu xehdet li tali ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' l-hlas ta' talbet l-hlas ta' seba mija u tnejn u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€722.71c) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**